**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 13 t'Ottubru 2016**

**Pulizija**

**Supretendent Kevin Farrugia**

**Vs**

**Ismael Habesh et**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Ismael Habesh ta' 41 sena iben Omar Habesh u Burnija Xduri mwieled Tripli fil-Libja fl-1 ta'Jannar 1971, residenti fil-fond 'Joanna' Flat 3, Triq il-Kostituzzjoni l-Mosta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 15771A;

Kif ukoll kontra Alan Grech ta' 36 sena iben Joseph u Elizabeth nee' Zerafa Gregory imwieled H'Attard fis-26 ta' Lulju 1975, residenti fil-fond 55, 'Jocklyn', Triq is-Sajf, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 358175M;

Billi huma akkuzati t-tnejn flimkien talli nhar is-17 ta' Frar 2011 ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija, fit Triq Schembri, l-Hamrun:

1) Ikkommettew serq ta’ flus kontanti minn fuq il-persuna ta’ David Vella, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jiskorri s-somma ta’ mitejn u tletin euro w tlieta w disghin centezmu (€232.93) izda inqas minn elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment tal-istess David Vella;

2) U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil David Vella kontra l-volonta’ tieghu;

3) Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zammew u garrew strument li jaqta’ w bil-ponta minghajr ma kellhom licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

4) Qeghdin jigu akkuzati wkoll talli saru recedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Alan Grech ukoll akkuzat wahdu talli:

5) Fl-istess data w cirkostanzi fuq imsemmija u fix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, saq vettura ta’ l-ghamla Kia Sportage li ghandha numru tar-registrazzjoni GBF 104, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta’ l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura, w b’hekk ma kontx kopert b’polza ta’ l-assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni;

6) U finalment akkuzat ukoll talli ikkommetta reati, li ghalihom hemm piena ta’ prigunerija, fil-perjodu operattiv ta’ zewg sentenzi ta’ prigunerija sospizi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-proces verbal esebit fl-atti;

Ra n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datat 20 ta' April 2015, fejn gew indikati l-Artikoli relattivi li tahthom l-imputati kellhom ighaddu in gudikat;

Rat illi l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex din il-kawza tigi ttrattata sommarjament minn din l-istess Qorti;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. David Vella, persuna maghrufa sew mal-Pulizija, li tragikament gie nieqes fil-mori ta' dawn il-proceduri, kien ghamel rapport li fid-data indikata gie aggredit minn tnejn min-nies u ssekwestrat fil-vettura taghhom, u b'hekk insterqulu madwar mitejn u sittin Ewro fi flus kontanti. Hu ta deskrizzjoni taghhom lill-Pulizija, u dawn gew identifikati bhala z-zewg imputati f'din il-kawza. Dawn gew arrestati u interrogati jumejn biss wara, fejn huma taw il-verzjoni tal-fatti taghhom. Aktar tard, sena u xahar wara, huma tressqu l-Qorti biex iwiegbu ghal dawn l-akkuzi.

Mill-provi prodotti, ghalkemm l-imputati wiegbu li m'humiex hatja ghall-akkuzi, jidher li xi forma ta' inkontru bejniethom fil-fatt kien hemm fis-17 ta' Frar 2011. Ma hemmx qbil bejn iz-zewg verzjonijiet dwar diversi dettalji, li fil-verita' jaghmlu d-differenza kollha. Il-verzjoni ta' Vella hija din, kif deskritta minnu kemm fil-proces verbal kif ukoll viva voce quddiem din l-istess Qorti. Hu qal li dakinhar kien il-Hamrun fejn il-"football ground" ser iwassal mutur li kien ghat-tiswija ghandu, meta f'daqqa wahda giet vettura hdejh, hareg wiehed ragel minnha, ghamillu mus m'ghoqu – precizament "swiss knife" – u qallu jidhol fil-vettura. Hemm gie aggredit u ssekwestrat, u l-flus li kellu, madwar mitejn u sittin Ewro, gew misruqa minn dawn iz-zewg persuni.

Min-naha l-ohra, l-imputati jaghtu verzjoni kemmxejn differenti. Habesh qal li ftit tal-jiem qabel, hu kien xtara droga darbtejn minn ghand Vella, izda t-tieni darba din kienet imhallta b'xi trab ta' tubu, u ghalhekk ma hadhiex. Ghalhekk iltaqa' mieghu fis-17 ta' Frar u talbu l-flus lura tad-droga li kien xtara minn ghandu. Hu cahad li kellu mus jew "swiss knife" jew kwalunkwe arma ohra fuqu. Qal li kien irrabjat ghal Vella ghax kien ser jaghtih droga mhallta b'sustanza perikoluza. Din il-verzjoni hija kkorroborata mill-imputat l-iehor Alan Grech, li kien qed isuq il-vettura proprjeta' tat-tfajla tieghu.

Ghalhekk, ghalkemm hemm qbil li l-partijiet kienu ltaqghu, ma hemmx qbil dwar dak li effettivament gara bejniethom. Ta' min ighid, bid-dovut rispett lill-partijiet involuti f'dan il-kaz, li t-tlitt persuni huma maghrufa sew mill-Pulizija, kemm David Vella kif ukoll iz-zewg imputati, u allura l-affidabilita' taghhom hija, fl-ahjar ipotesi, dubjuza. Madankollu, il-Qorti hija aktar propensa li temmen il-verzjoni tal-imputati minn dik ta' Vella. Apparti li hemm konflitt ta' provi, u kull dubju ghandu jmur favur l-imputati, il-Qorti tara li r-reat li seta' wettaq Habesh fil-konfront ta' Vella huwa aktar dak ta' ragion fattasi minn dak ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza. Habesh ried li jirkupra dak li hallas ghalih meta xtara droga minn ghand Vella, peress illi din kienet hazina, skond hu, u ghalhekk ezercita dritt li ppretenda li ghandu billi ha l-flus lura. Grech seta' biss ikun komplici f'dan ir-reat u mhux ko-awtur.

Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, l-Artikolu tal-ligi relattiv ghar-reat ta' ragion fattasi ma nghatax, ghalhekk il-Qorti ma tistax tittratta mal-imputati ghal reat li ma giex indikat. Ghalhekk il-Qorti sejra tilliberahom minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 261(a), (c), (f), 262(1)(a), 262(1)(b), 267, 270, 275, 277, 279(a), 280, 281, 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikoli 6, 51 u 56 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmija mputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni  u qieghda tilliberhom minn kull akkuza.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**